MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 240/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Mifsud (Id 485867 M) sija tal-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Mifsud**

**vs**

**Larner Mizzi (ID 448372)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ mitejn u tlieta u sittin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm263.32c) rapprezentanti danni kagunati f’incident awtomobilistiku tat-28 ta’ Jannar, 2003, fi Triq il-Blata l-Kahla, Santa Venera, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazjoni IMY 354

misjuqa mill-konvenut u l-vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni CNI 493 misjuqa minn Maria Antonia Mifsud u proprjeta' ta' Joseph Mifsud, assikurat tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-incident ma sehhx tort tieghu u ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi u lanqas ma hemm lok ghal kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' danni.

Ra d-Dokumenti ezebiti.

Ra x-xhieda ta' Antonella Mifsud li qalet li fit-28 ta' Jannar, 2003 kienet qed ssuq l-vettura numru CBI 493 minn triq il-Blata l-Kahla, Santa Venera, gejja mill-Hamrun u sejra fid-direzzjoni lejn B'Kara, liema triq tisporgi ghal gewwa Psaila Street.

Hija tispjega li l-incident sehh fil-kantuniera ma' Triq Zonqor. Il-konvenut, li kien qed isuq minibus tal-iskola, waqaf fil-kantuniera sabiex inizzel lit-tfal tal-iskola. Fill-kantuniera fejn waqaf il-konvenut kien hemm double yellow lines.

Ix-xhud tghid li malli waqaf hekk fil-kantuniera, hi marret taqbzu biex tikser u waqt li kienet qed iddawwar l-isteering fuq ix-xellug, f'dak il-mument hasset daqqa fuq il-bieba ta' wara. Hi xehdet li l-vettura misjuqa minnha garrbet hsara fuq ix-xellug, fuq il-bieba ta' wara, filwaqt li l-minibus kellha hsara fuq il-kantuniera tal-bumper, fuq quddiem fuq il-lemin.

In sostenn tax-xhieda taghha, ix-xhud ezebiet xi ritratti tal-vetturi nvoluti fl-incident, ritratti li ha zewgha xi nofs siegha wara li sehh l-incident.

Ix-xhud tikkonferma li huma kellhom *“fully comprehensive cover”* mas-socjeta’ attrici, li kienet hallsitilhom id-danni, filwaqt li huma kienu hallsu l-ispejjes relattivi ghall-iskizz kif ukoll l-*“excess”* ammontanti ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25).

Ra x-xhieda tal-konvenut li jghid li fit-28 ta’ Jannar, 2003 kien qed isuq vettura numru IMY 354 , minibus mill-homor, fit-triq ezatt wara Carmelo Gauci Ltd. Hu jispjega li kien qed igorr tfal tal-iskola u kien qed ihott fi triq l-Blata l-Kahla, precisament fil-bidu tat-triq fejn iwaqqaf l-ewwel tifla u imbaghad waqqaf tnejn ohra xi hames karozzi ‘l isfel.

Hu jispjega li gie biex idur ghat-triq il-Blata l-Kahla minn triq Zonqor. Hu jghid li kellu jdur fuq ix-xellug u jghid li l-iskizz jindika li ried iwaqqaf it-tfal go triq Zonqor.

Il-konvenut jghid ukoll li l-iskizz jindika il-posizzjoni tal-vetturi wara li saret il-habta, ghax hu kien waqaf xi hames vetturi lura fi triq Zonqor.

Il-konvenut isostni illi meta wassal u nizzel it-tfal, huwa rega’ beda jsuq fit-triq. Kien hawn li, skond hu, qala’ daqqa’ fuq il-kantuniera ta’ quddiem tax-xufier, u d-daqqa l-ohra kienet fuq il-bieb ta’ wara. Huwa ezebixxa xi ritratti li ha hu stess fil-gurnata li sehh l-incident.

Il-konvenut ighid li l-vettura l-ohra giet bir-reverse u kellu jdoqq il-horn biex tieqaf u qaltlu li kienet mghaggla ghax-ir-ragel kien qieghed funeral.

In kontro-ezami, il-konvenut ighid li m’ghamilx indikazzjoni li kien ser jaqla’ u ma kellux ghalfejn ihares lejn mirja, izda kien induna bil-vettura tal-attur fil-mument tal-kollizzjoni.

Il-konvenut jikkonferma li fejn hemm ritratt LM 2 huwa ezatt fejn sehh l-incident ghax hemm it-tifrik mal-art u LM 5 jindika l-akwata.

Ikkunsidra

Wara li ezamina l-provi t-Tribunal huwa tal-fehma li d-dinamika tal-incident ma thallix dubju dwar dik li hija responsabbilta'.

It-Tribunal jikkonstata illi l-*minibus* misjuqa mill-konvenut kienet wieqfa fuq *double yellow lines* u inoltre f'kantuniera, li diga', per se, jammonta ghal non-osservanza flagranti tar-regolamenti tat-traffiku.

Barra minn hekk, jirrizulta ampjament car li l-konvenut kien traskurat  fil-mod kif kien qed isuq, u cioe', billi jirrizulta illi kien qed inizzel it-tfal f'bnadi differenti tat-triq, b'certu heffa, jipparkja bl-addocc u imbaghad jerga' jsuq, fl kliemu stess, bla ma jaghmel sinjal. Importanti imbaghad il-mod kif  waqaf, b'mod illi ikkawza ostakolu ghas-sewwieqa tal-vettura tal-attur Mifsud biex din tkun tista' iddur fit-triq li riedet tinbokka, b'mod li biex tghaddi, bilfors kellha taqbzu. Il-fatt li ippruvat taqbzu huwa ta' ebda konsegwenza legali ghaliha ghax *per se* is-sorpass ma kienx il-kawza tal-incident li invece gara billi l-konvenut issokta isuq minghajr *"proper lookout".* It-Tribunal ma jemminx lill-konvenut meta dan isostni illi ra l-vettura misjuqa mis-sinjura Mifsud gejja fid-direzzjoni tieghu. Il-posizzjoni tad-daqqiet fir-rispettivi vetturi huma indikattivi li hija ferm aktar kredibli dik tas-sinjura Mifsud milli dik tal-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut kellu jkun konxju illi bil-mod kif kien waqqaf il-vettura tieghu kien ikkreja ostakolu, li l-vetturi li riedu jghaddu kellhom bilfors jaqbzuh, u allura kien fid-dover li qabel jaqla' jassikura li ma kienx gej traffiku u mhux jaqla' kif qala' minghajr sinjal u minghajr ma' jhares.

Kwantu ghad-danni reklamati, in mankanza ta' provi kuntrarji, dawn jirrizultaw pruvati mill-atturi.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jiddikjara li l-incident in kwistjoni gara unikament htija tal-konvent li ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni kagunati lil-atturi li jirrizultaw pruvati, u konsegwentement, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira u tnejn u tlettin centezmu (Lm263.32c)

Bl-ispejjes u l-imghax mid-data tal-ittra ufficjali ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------